MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 32/2015

**E. Grech Cristal Bath (C-13298)**

**Vs**

**Joseph MANICARO [ID 574477M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-15 ta' Jannar, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' elf mija tmienja u ghoxrin euro u erba' centezmi ta' euro [€1,128.04c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "1. Illi s-socjeta attrici E. Grech Cristal Bath Limited) hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' Euro 1128.04 (elf, mija tmienja u ghoxrin euro u erbgha cent) kif jirrizulta mill-annessa rendikont (kopja ta' liema rendikont hawn anness u mmarkati bhala Dok. EG 1);

2. Illi dan l-ammont huwa dovut mill-konvenut u jirraprezentaw merkanzija mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess;

3. Illi s-socjeta attrici qeghda taghmel din it-talba wara li l-konvenut gie interpellat kemm informalment kif ukoll formalment permezz ta' telefonati u ittri izda l-istess konvenut baqa inadempjenti;

4. Illi ghar-ragunijiet premessi s-socjeta attrici qeghda titlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jikkundanna lil konvenut thallas l-ammont ta' Euro 1128.04 (elf, mija tmienja u ghoxrin euro u erbgha cent) bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribli mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali kontra s-socjeta konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat skond il-ligi fit-22 ta' Mejju, 2015 u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra li Dr. Julienne Portelli Demajo ikkonfermat li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ra li Dr. Portelli Demajo ddikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' elf mija tmienja u ghoxrin euro u erba' centezmi ta' euro [€1,128.04c] rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugh u kkonsenjat lill-intimat fuq inkarigu tieghu stess.

Ikkunsidra;

2. Dr. Julienne Portelli Demajo ikkonfermat llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta’ l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*
>
> *(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta’ l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f’kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie debitament notifikat fit-22 ta’ Mejju, 2015 u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b’xi mod turi li dak li ntqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ elf mija tmienja u ghoxrin euro u erba’ centezmi ta’ euro [€1,128.04c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan

l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta' kull ammont dovut mill-intimat skond l-istatement esebit mill-istess socjeta rikorrenti mat-Talba odjerna (fol. 3), sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------